MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Appell Civili Numru. 28/2013/1

**Bettina Vossberg f'isimha personali kif ukoll f'isem uliedha minuri Maximilian u Alexander ahwa Vossberg**

**v.**

**Equinox International Limited u Dr Renzo Porsella Flores u l-PL Hilda Ellul Mercer nominati b'digriet tat-22 ta' Marzu 2006 bhala kuraturi sabiex jirraprezentaw l-interessi ta' Andreas W. Gerdes assenti minn Malta u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2007 Mireille Pace Ross assumiet l-atti ghan-nom tal-konvenut Andreas W. Gerdes**

**Il-Qorti:**

Illi f'dawn il-proceduri, ir-rikorrent Andreas W. Gerdes qed jitlob is-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza li tat din il-Qorti fid-9 ta' Novembru 2012, in vista ta' talba ghal ritrattazzjoni tal-kawza (numru 163/06) imressqa mill-istess rikorrent. Fis-sentenza taghha, din il-Qorti kienet laqghet l-ewwel tliet talbiet ta' Bettina Vossberg li kienu fis-sens li gej:

"1. Tiddikjara li l-att ta' *'settlement of additional property in trust'* fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat 28 t'April 2005 gie konkluz bejn Andreas W. Gerdes u Equinox International Limited huwa vizzjat bi frodi a detriment tal-attrici *proprio et nomine* u konsegwentement null u bla effett fil-ligi;

"2. Tordna li jigi rexiss, annullat u risolut l-att ta' *'settlement of additional property in trust'* fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo datat 28 t'April 2005 gie konkluz bejn Andreas W. Gerdes u Equinox International Limited b'mod li l-fond *de quo* jigi reintegrat fil-patrimonju tal-konvenut Andreas W. Gerdes;

"3. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-kuntratt ta' rexissjoni tal-imsemmija zewg kuntratti fil-gurnata, hin u lok u kuraturi deputati ghar-rapprezentanza tal-eventwali kontumaci."

Issa skont il-ligi, talba ghal ritrattazzjoni ma twaqqafx l-ezekuzzjoni tas-sentenza attakata, pero`, l-Artikolu 823 (2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jippermetti li l-Qorti tordna t-twaqqif ta' ezekuzzjoni tas-sentenza jekk:

*"(a) flimkien mat-talba taghha dik il-parti taghti garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tigix mhassra, maghduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-Artikolu 266 (10); u*

*"(b) jigi muri ghas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-*

*parti milli t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja."*

F'dan il-kaz, ma giex muri mir-rikorrent illi huwa jsofri pregudizzju jekk jigi ppubblikat il-kuntratt li ordnat din il-Qorti. Din il-Qorti ma ordnatx it-thassir tat-*trust*, izda tas-*'settlement of additional property in trust'*, u cioe`, l-att li bih Andreas W. Gerdes ittrasferixxa d-drittijiet proprjetarji tieghu fuq l-unika proprjeta` li ghandu hawn Malta lis-socjeta` trustee. L-effett tal-pubblikazzjoni tal-att ta' rexissjoni jkun li dik il-proprjeta` terga' tigi registrata fuq isem Andreas W. Gerdes, u, ghalhekk, ma hu se jkun hemm ebda pregudizzju ghar-rikorrent jekk jithalla jsir dak li ordnat din il-Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad it-talba tar-rikorrenti Andreas W. Gerdes maghmula bir-rikors tas-6 ta' Frar 2013, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------